

# Kawża C-148/10

**DHL International NV, li kienet Express Line NV**

**vs**

**Belgisch Instituut voor Postdiensten en Telecommunicatie**

(talba għal deċiżjoni preliminari  
mressqa mill-Hof van beroep te Brussel)

“Servizzi postali — Proċeduri esterni għall-ipproċessar tal-ilmenti mressqa mill-  
utenti — Direttiva 97/67/KE — Artikolu 19 — Kamp ta’ applikazzjoni — Natura  
addizzjonali tar-rimedji possibbli taħt id-dritt nazzjonali u d-dritt tal-Unjoni —  
Marġni ta’ manuvra tal-Istati Membri — Limiti — Artikolu 49 TFUE — Libertà ta’  
stabbiliment”

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali N. Jääskinen, ippreżentati fis-26 ta’ Mejju  
2011 . . . . . I - 9546  
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-13 ta’ Ottubru 2011 . . . I - 9570

## Sommarju tas-sentenza

1. *Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Servizzi postali — Direttiva 97/67 — Obbligu għall-fornituri ta’ servizzi postali li jaqgħu taħt is-servizz universali li jistabbilixxu proċeduri esterni ta’ pproċessar tal-ilmenti tal-utenti*  
(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 97/67, kif emendata bid-Direttivi 2002/39 u 2008/6, Artikolu 19)

2. *Moviment liberu tal-persuni — Libertà ta' stabbiliment — Restrizzjonijiet — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-fornituri ta' servizzi postali li ma jaqgħux taħt is-servizz universali li jstabbilixxu proċedura esterna ta' pproċessar tal-ilmenti tal-utenti*  
(Artikolu 49 TFUE)

1. Id-Direttiva 97/67, dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz, fil-verżjoni inizjali tagħha kif ukoll kif emendata bid-Direttiva 2002/39 u 2008/6, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li trendi obbligatorju, għall-fornituri ta' servizzi postali li ma jaqgħux taħt is-servizz universali, proċedura esterna ta' pproċessar tal-ilmenti tal-utenti ta' dawn is-servizzi.

imposti minn din id-direttiva u li huma intiżi sabiex jestendu l-proċeduri ta' pproċessar tal-ilmenti għal kull fornitur tas-servizzi postali.

(ara l-punti 35, 40, 47, 52, id-dispożittiv 1)

Fil-fatt, id-Direttiva 97/67 ma twassalx għal armonizzazzjoni kompleta fir-rigward tal-proċeduri ta' pproċessar tal-ilmenti li ttiprovdi għalihom. Fil-verżjoni inizjali tagħha bħal fil-verżjonijiet emendati, hija tikkonċepixxi l-imsemmija proċeduri bħala qafas minimu li jikkumplimenta rimedji miftuħa mid-dritt nazzjonali u mid-dritt tal-Unjoni. L-Istati Membri għalhekk għandhom marġni ta' manuvra sabiex jiffissaw il-proċeduri preċiżi u jagħżlu sistema li hija l-iktar adattata għas-sitwazzjoni partikolari tagħhom, filwaqt li jiġu rrispettati l-limiti u l-orjentazzjonijiet

2. L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li trendi obbligatorja għall-fornituri li ma jaqgħux taħt is-servizz universali proċedura esterna ta' pproċessar tal-ilmenti tal-utenti ta' dawn is-servizzi.

Fil-fatt, tali leġiżlazzjoni ma tinkludi l-ebda restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment. L-ewwel nett, hija applikata, mingħajr distinzjoni ta' nazzjonalità,

għal kull fornitur ta' servizzi postali li ma jaqax taħt is-servizz universali. Sussegwentement, l-operaturi ma jistgħux jippretendu li Stat Membru ma jkollux strutturi ta' protezzjoni ġuridika fl-interessi tal-klijenti tagħhom li joffru metodi għas-soluzzjoni extraġudizzjarja tat-tilwim. Fl-aħħar nett, il-kważi totalità tal-Istati Membri estendew is-sistemi

esterni ta' pproċessar tal-ilmenti lill-fornituri ta' servizzi postali li ma jaqgħux taħt is-servizz universali.

(ara l-punti 61, 62, 64, id-dispożittiv 2)